Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' April 2015**
**(OR. en)**

**8181/15**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2014/0213 (COD)**

**PECHE 142**
**CODEC 565**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 5141/2/15 REV 2 PECHE 12 CODEC 25 |
| Nru dok. Cion: | 11841/14 PECHE 356 CODEC 1622 - COM(2014) 457 final |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)<br>*- Konferma tat-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil* |

Id-delegazzjonijiet hawn taħt isibu t-test ta' kompromess finali rigward ir-Regolament emendatorju dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM, b'riżultat tat-tieni trilogu informali tas-26 ta' Marzu 2015, u kif tlesta matul il-laqgħa teknika informali tas-17 ta' April 2015.

2014/0213 (COD)

**REGOLAMENT *(UE) 2015/...* TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

***ta'***

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1343/2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-***p***arlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja[2]***,***

Billi:

[1] ĠU C ***12, 15.1.2015, p. 116.***

[2] ***Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' [(ĠU ...)] [(għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... .***

(1) Il-Ftehim dwar it-twaqqif tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran ("il-Ftehim tal-GFCM") jipprovdi qafas adattat għall-kooperazzjoni multilaterali sabiex jiġu promossi l-iżvilupp, il-konservazzjoni, il-ġestjoni razzjonali u l-aħjar użu tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed f'livelli li huma kkunsidrati sostenibbli u b'riskju baxx ta' kollass.

(2) L-Unjoni, kif ukoll il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja huma partijiet kontraenti għall-Ftehim tal-GFCM.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] jistipula ċerti dispożizzjonijiet dwar is-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-***GFCM***. Dan huwa l-att leġislattiv adatt għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM li l-kontenut tagħhom għadu mhuwiex kopert mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 jista' jiġi emendat biex jinkludi l-miżuri li jinsabu fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-GFCM.

(4) Waqt is-Sessjonijiet Annwali tagħha tal-2011 u tal-2012, il-GFCM adottat miżuri għall-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar, fiż-żona li taqa' taħt il-kompetenza tagħha, li għandhom jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. Waħda minn dawk il-miżuri tikkonċerna l-użu ta' Vetturi ta' taħt l-ilma li Jitħaddmu mill-Bogħod (ROVs). Il-GFCM iddeċidiet li l-ROVs f'żoni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni nazzjonali***, li kienu diġà ġew awtorizzati*** għal finijiet ta' osservazzjoni u prospettar tal-qroll aħmar għandhom jiġu permessi ***biss b'ċerti kondizzjonijiet u għal perijodu ta' żmien limitat, sakemm ma jingħatax parir xjentifiku mod ieħor. Konsegwentement, dan l-użu ta' ROVs fl-ilmijiet tal-Unjoni ma għandux jibqa' jkun permess wara l-31 ta' Diċembru 2015, sakemm ma jkunx iġġustifikat b'parir xjentifiku. F'konformità mar-rakkomandazzjoni GFCM/35/2011/2, l-użu ta' ROVs għandu jkun permess ukoll fil-każ ta' Stati Membri li għadhom ma awtorizzawhomx għall-prospettar u li jkunu jixtiequ jagħmlu dan, kemm-il darba r-riżultati xjentifiċi miksuba fil-kuntest tal-pjani ta' ġestjoni ma juru l-ebda impatt negattiv fuq l-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar.***

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

***Barra minn hekk, l-użu ta' ROVs għandu jiġi awtorizzat ukoll, għal perijodu limitat li ma jaqbiżx l-2015, għal kampanji xjentifiċi sperimentali kemm għall-osservazzjoni kif ukoll għall-ġbir.*** Skont miżura oħra stabbilita fir-rakkomandazzjoni GFCM/36/2012/1, il-qabdiet ta' qroll aħmar għandhom jinħattu l-art biss f'għadd limitat ta' portijiet b'faċilitajiet portwarji adegwati, u l-listi ta' portijiet nominati għandhom jiġu kkomunikati lis-Segretarjat tal-GFCM. Kwalunkwe bidla li tista' taffettwa l-listi tal-portijiet nominati mill-Istati Membri għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni Ewropea biex tintbagħat ukoll lis-Segretarjat tal-GFCM.

(5) Waqt is-Sessjonijiet Annwali tagħha tal-2011 u tal-2012, il-GFCM adottat ir-rakkomandazzjonijiet GFCM/35/2011/3, GFCM/35/2011/4, GFCM/35/2011/5 ***u*** GFCM/36/2012/2**,** li jistabbilixxu miżuri għall-mitigazzjoni ta' qabdiet inċidentali ta' tjur tal-baħar, ta' fkieren tal-baħar, ta' bumerini u ta' ċetaċji f'attivitajiet tas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM, li għandhom jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. Dawk il-miżuri jinkludu l-projbizzjoni, mill-1 ta' Jannar 2015, tal-użu ta' xbieki tal-garġi tal-qiegħ b'monofilament jew bi spag usa' minn 0**.**5 mm, bil-għan li jiġu mitigati l-qabdiet inċidentali taċ-ċetaċji. Din il-projbizzjoni diġà tinsab fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006[4] li, madankollu, ikopri l-Baħar Mediterran biss. Għalhekk, għandha tiġi inkluża f'dan ir-Regolament sabiex tapplika wkoll għall-Baħar l-Iswed.

(6) Waqt is-Sessjoni Annwali tagħha tal-2012, il-GFCM adottat ukoll ir-rakkomandazzjoni GFCM/36/2012/3 li tistabbilixxi miżuri maħsuba biex jiġi żgurat li fiż-żona li taqa' taħt il-kompetenza tagħha jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni għal klieb il-baħar u r-raj minn attivitajiet tas-sajd, u b'mod partikolari għall-ispeċijiet ta' klieb il-baħar u raj elenkati bħala speċijiet fil-periklu jew taħt theddida skont l-Anness II ***tal-***Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Barċellona[5] li jikkonċerna ***żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika*** fil-Mediterran[6]**.**

[4] ***Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u r-Regolament (KE) Nru 973/2001 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).***

[5] Konvenzjoni ***għall-***protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis ***(Konvenzjoni ta' Barċellona) (ĠU L 240, 19.9.1977, p. 3).***

[6] ĠU L 322, 14.12.1999, p. 3.

*(6a)* Skont miżura ***inkluża f'dik ir-rakkomandazzjoni li hija maħsuba biex tipproteġi klieb il-baħar tal-kosta***, attivitajiet tas-sajd li jsiru bi xbieki tat-tkarkir għandhom jiġu pprojbiti f'żoni anqas minn 3 mili nawtiċi mill-kosta, sakemm ma jintlaħaqx l-isobat ta' 50 metru, jew fl-isobat ta' 50 metru fejn il-fond ta' 50 metru jintlaħaq f'distanza iqsar mill-kosta. ***Jistgħu jingħataw derogi speċifiċi u limitati fl-użu tal-ispazju b'ċerti kondizzjonijiet.*** Din il-projbizzjoni ***u l-possibbiltà li jsiru derogi diġà jinsabu*** fir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 li, madankollu, ikopri l-Baħar Mediterran biss. Għalhekk, ***għandhom jiġu inklużi*** f'dan ir-Regolament sabiex tapplika wkoll għall-Baħar l-Iswed.

*(6b)* Ċerti miżuri oħra maħsuba għall-identifikazzjoni adatta ta' klieb il-baħar inklużi f'dik ir-rakkomandazzjoni, li mhumiex koperti mir-Regolament ***tal-Kunsill*** (KE) Nru 1185/2003[7] jew minn leġislazzjoni oħra tal-Unjoni, għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati b'mod sħiħ fid-dritt tal-Unjoni.

(7) Waqt is-Sessjoni Annwali tagħha tal-2013 u tal-2014, il-GFCM adottat ir-rakkomandazzjonijiet GFCM/37/2013/1 u GFCM/38/2014/1**,** li jistabbilixxu miżuri għal sajd li jisfrutta stokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku li għandhom jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. ***Dawk*** il-miżuri jikkonċernaw il-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd għal stokkijiet pelaġiċi żgħar fis-Subżoni Ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM, fuq il-bażi tal-kapaċità tas-sajd ta' referenza stabbilita permezz tal-lista ta' bastimenti ***tas-sajd*** li kellha tiġi kkomunikata lis-Segretarjat tal-GFCM sat-30 ta' Novembru 2013, f'konformità mal-paragrafu 22 tar-rakkomandazzjoni GFCM/37/2013/1. Dik il-lista tinkludi l-bastimenti ***tas-sajd*** kollha mgħammra bi xbieki tat-tkarkir, purse seines jew b'tipi oħra ta' xbieki tat-tidwir mingħajr vajjina, li huma awtorizzati mill-Istati Membri kkonċernati biex jistadu għal stokkijiet pelaġiċi żgħar u rreġistrati fil-portijiet li jinsabu fis-Subżoni Ġeografiċi 17 u 18, jew li joperaw fis-Subżona Ġeografika 17 jew fis-Subżona Ġeografika 18 ***jew fiż-żewġ Subżoni Ġeografiċi,*** għalkemm reġistrati f'portijiet li jinsabu f'Subżoni Ġeografiċi oħra fid-data tal-31 ta' Ottubru 2013.

---

[7] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar it-tneħħija tax-xewka ta' klieb il-baħar abbord ta' bastimenti (ĠU L *167*, 4.7.2003, p. 1).

Kwalunkwe bidla li tista' taffettwa ***dik*** il-lista għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni Ewropea hekk kif isseħħ, sabiex tintbagħat ukoll lis-Segretarjat tal-GFCM. Il-miżura tal-GFCM ***stabbilita f'dawk ir-rakkomandazzjonijiet*** tinkludi wkoll projbizzjoni taż-żamma abbord jew fuq l-art, li għandha tiġi implimentata fid-dritt tal-***Unjoni*** f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[8]. ***Għall-fini tal-implimentazzjoni xierqa, għandhom jiġu żviluppati programmi nazzjonali għall-kontroll, il-monitoraġġ u s-sorveljanza, li l-Kummissjoni għandha tikkomunikahom lill-GFCM fuq bażi annwali.***

***(7a) Sabiex jittejjeb il-ġbir tad-data fid-dawl tal-monitoraġġ xjentifiku ta' ċerti speċijiet tal-baħar li jinqabdu inċidentalment fl-irkapti tas-sajd, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom ikunu obbligati jirreġistraw il-qbid inċidentali tal-ispeċijiet tal-baħar ikkonċernati. Ir-rapporti nazzjonali mibgħuta lill-Kunsill Xjentifiku Konsultattiv tal-GFCM għandu jkun fihom l-informazzjoni li tintbagħat mill-bastimenti tas-sajd dwar il-qbid inċidentali ta' ċerti speċijiet tal-baħar, issupplimentata b'dettalji minn sorsi disponibbli dwar dawn l-inċidenti.***

(8) Sabiex tiżgura kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni ***fir-rigward tal-***format u t-trasmissjoni ta' data dwar il-ġbir ta' qroll aħmar u l-informazzjoni relatata ma' qabdiet inċidentali ta' tjur tal-baħar, fkieren tal-baħar, bumerini, ċetaċji u klieb il-baħar u raj, bidliet fil-listi tal-portijiet magħżula għall-ħatt l-art ta' qroll aħmar, l-impatti ta' ċerti bastimenti tas-sajd fuq il-popolazzjonijiet taċ-ċetaċji u bidliet li jsiru f'mapep u f'listi ta' żoni ġeografiċi li jidentifikaw il-postijiet fejn jinsabu l-għerien tal-bumerini. ***Dawk*** is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

---

8 Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) u Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

9 Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(9) Sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkompli tosserva l-obbligi tagħha skont il-Ftehim tal-GFCM, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' awtorizzazzjonijiet għal derogi mill-projbizzjoni tal-ġbir tal-qroll aħmar f'ilmijiet ta' inqas minn 50 metru u ta' devjazzjoni mid-dijametru tal-bażi minimu ta' kolonji ta' qroll aħmar. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

***(9a) Sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe deroga li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 290 tat-Trattat u li tikkonċerna l-ġestjoni tal-ġbir ta' qroll aħmar, tkun imfassla tajjeb biex tkun adatta għall-karatteristiċi reġjonali, l-Istati Membri li għandhom interess dirett fil-ġestjoni ta' qroll aħmar għandu jkollhom il-possibbiltà li jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti għall-fini tal-adozzjoni ta' tali atti delegati. Għandha tiġi stabbilita skadenza għall-preżentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet konġunti. Matul perijodu ta' transizzjoni li jwassal għall-preżentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet konġunti għal att delegat, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu, fil-kuntest tal-pjani ta' ġestjoni nazzjonali għall-qroll aħmar, jiżviluppaw jew iżommu derogi, bħala miżuri ta' transizzjoni. Meta l-Kummissjoni tqis li miżura b'derogi mogħtija jew modifikati mill-Istati Membri wara... ma tissodisfax il-kondizzjonijiet tar-rakkomandazzjonijiet GFCM 35/2011/2 u 36/2012/1, hija għandha tkun tista' titlob li dik il-miżura tiġi emendata.***

(10) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

* ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011**

Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) għandu jiddaħħal l-***artikolu*** li ġej:

"*Artikolu 15a*

**L-użu ta' sajd bi xbieki tat-tkarkir u ta' sajd bi xbieki tal-garġi fil-Baħar l-Iswed**

1. L-użu ta' xbieki tat-tkarkir għandu jiġi pprojbit:

***(a)*** f'żoni anqas minn 3 mili nawtiċi mill-kosta, sakemm ma jintlaħaqx l-isobat ta' 50 metru***;*** jew

***(b)*** fl-isobat ta' 50 metru jekk il-fond ta' 50 metru jintlaħaq f'distanza iqsar mill-kosta.

***1a. Stat Membru jista' jawtorizza, b'eċċezzjoni, lill-bastimenti tas-sajd tiegħu biex jistadu fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 billi jagħti derogi f'konformità mar-rakkomandazzjoni GFCM 36/2012/3, dment li huwa jinforma b'mod dovut lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe deroga bħal din.***

***1b. Meta l-Kummissjoni tqis li deroga mogħtija f'konformità mal-paragrafu 1a ma tissodisfax il-kondizzjoni msemmija f'dak il-paragrafu, hija tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat jemenda d-deroga dment li tagħti raġunijiet rilevanti u wara li tkun ikkonsultatu.***

***1c.*** ***Il-Kummissjoni għandha tinforma lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM dwar id-derogi mogħtija f'konformità mal-paragrafu 1a.***

2. Mill-1 ta' Jannar 2015, id-dijametru ta' monofilament jew spag tax-xbieki tal-garġi tal-qiegħ ma għandux ikun akbar minn 0.5 mm."***;***

(2) Fit-Titolu II, ***għandhom jiżdiedu l-Kapitoli li ġejjin***:

**"Kapitolu IV**

***KONSERVAZZJONI, U SFRUTTAMENT SOSTENIBBLI TAL-QROLL AĦMAR***

*Artikolu 16a*

**Kamp ta' applikazzjoni**

***Dan*** il-Kapitolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(2) u għall-Artikolu 8(1), (e) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, jew għal kwalunkwe miżura aktar stretta li tirriżulta mid-Direttiva ***tal-Kunsill*** 92/43/KEE*.

*Artikolu 16b*

**Fond minimu għall-ġbir**

1. Il-ġbir tal-qroll aħmar f'ilmijiet ta' fond ta' inqas minn 50 m għandu jkun ipprojbit ***sakemm il-GFCM ma tindikax mod ieħor***.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27 ***ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**** sabiex tagħti derogi mill-paragrafu 1.

*3*. ***Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti għandhom jiġu ppreżentati skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 peress*** li d-deroga msemmija fil-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu għadha tkun akkumpanjata minn***:

***(a) informazzjoni dettaljata dwar il-qafas ta' ġestjoni nazzjonali;***

***(b)*** il-ġustifikazzjonijiet xjentifiċi ***jew*** tekniċi;

(c) il-lista tal-bastimenti tas-sajd ***jew in-numru ta' awtorizzazzjonijiet għall-ġbir*** tal-qroll aħmar f'fond ta' inqas minn 50 m***;*** u

***(d)*** il-lista taż-żoni tas-sajd fejn dik l-attività hija awtorizzata, kif identifikat permezz ta' koordinati ġeografiċi kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar.

***Kwalunkwe rakkomandazzjoni konġunta mill-Istati Membri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi ppreżentata sa …***[+]

*4*. Id-derogi msemmija fil-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu għandhom*** jingħataw jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun hemm fis-seħħ qafas ta' ġestjoni nazzjonali xieraq, inkluża skema għall-awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009*****; u***

***(b)*** permezz ta' għeluq spazjotemporali, jiġi żgurat li jkun qed jiġi sfruttat biss għadd limitat ta' kolonji ta' qroll aħmar.

---

+ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

4a. ***Minkejja l-paragrafi 2 sa 4 u bħala miżura ta' transizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni GFCM/35/2011/2, dment li:***

***(a) dawk il-miżuri jkunu parti minn qafas ta' ġestjoni nazzjonali adatt; u***

***(b) l-Istat Membru kkonċernat jinforma kif dovut lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' dawk il-miżuri.***

***L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li kwalunkwe deroga ma tibqax tapplika wara d-data ta' applikazzjoni tal-att delegat rilevanti adottat f'konformità mal-paragrafu 2.***

4b. ***Meta l-Kummissjoni tqis, abbażi tan-notifiki magħmulin mill-Istati Membri f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 4a, li miżura nazzjonali adottata wara …[++] ma tkunx konformi mal-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4, hija tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat jemenda dik il-miżura dment li tagħti raġunijiet rilevanti u wara li tkun ikkonsultatu.***

*5*.

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM dwar ***il-miżuri adottati f'konformità mal-paragrafi 2 u 4a.***

++ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

*Artikolu 16c*

**Id-dijametru tal-bażi minimu tal-kolonji**

1. Qroll aħmar minn kolonji ta' qroll aħmar li d-dijametru tal-bażi taz-zokk tiegħu, imkejjel minn ċentimetru 'l bogħod mill-bażi tal-kolonja, huwa iżgħar minn 7 mm, ma għandux jinġabar, jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jinħatt l-art, jiġi ttrasferit, jinħażen, jinbiegħ jew jintwera jew jiġi offrut għall-bejgħ bħala prodott mhux ipproċessat.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'konformità mal-Artikolu 27 ***ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013***, tadotta atti delegati biex tawtorizza, b'deroga mill-paragrafu 1, limitu massimu ta' tolleranza ta' 10 % tal-piż ħaj ta' kolonji ta' qroll aħmar ta' daqs żgħir (<7 mm).

*3*. ***Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti għandhom jiġu ppreżentati skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 peress li*** d-deroga ***msemmija fil-***paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu*** għandha ***tkun akkumpanjata mill-***ġustifikazzjonijiet xjentifiċi ***jew*** tekniċi għal dik id-deroga.

***Kwalunkwe rakkomandazzjoni konġunta mill-Istati Membri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi ppreżentata sa …***

*4*. Id-derogi msemmija fil-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu għandhom*** jingħataw jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun hemm fis-seħħ qafas ta' ġestjoni nazzjonali, inkluża skema għall-awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(b) ikun hemm fis-seħħ programmi speċifiċi ta' monitoraġġ u kontroll.

+++ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

***4a.*** ***Minkejja l-paragrafi 2 sa 4 u bħala miżura ta' transizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni GFCM/36/2012/1, dment li:***

***(a) dawk il-miżuri jkunu parti minn qafas ta' ġestjoni nazzjonali adatt; u***

***(b) l-Istat Membru kkonċernat jinforma kif dovut lill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' dawk il-miżuri.***

***L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li kwalunkwe deroga ma tibqax tapplika wara d-data ta' applikazzjoni tal-att delegat rilevanti adottat f'konformità mal-paragrafu 2.***

***4b.*** ***Meta l-Kummissjoni tqis, abbażi tan-notifiki magħmulin mill-Istati Membri f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 4a, li miżura nazzjonali adottata wara … ma tkunx konformi mal-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4, hija tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat jemenda dik il-miżura dment li tagħti raġunijiet rilevanti u wara li tkun ikkonsultatu.***

***5.***

***6.*** Il-Kummissjoni għandha tinforma lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM dwar ***il-miżuri adottati skont il-paragrafi 2 u 4a.***

---

++++ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

*Artikolu 16d*

**Irkaptu u tagħmir**

1. Għall-ġbir tal-qroll aħmar, l-uniku rkaptu permess għandu jkun martell użat ***fl-għadis*** minn sajjieda ***li jkunu awtorizzati jew rikonoxxuti mill-awtorità nazzjonali kompetenti.***

2. L-użu ta' Vetturi ta' taħt l-ilma li Jitħaddmu mill-Bogħod ***(ROVs)*** għall-isfruttament tal-qroll aħmar għandu jkun ipprojbit.

***3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-użu ta' ROVs li jkunu ġew awtorizzati minn Stat Membru qabel it-30 ta' Settembru 2011 għall-fini ta' osservazzjoni u prospettar għandu jibqa' jkun permess f'żoni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru dment li l-ROVs ikkonċernati ma jkunux jistgħu jiġu mgħammra b'dirgħajn manipulaturi jew bi kwalunkwe apparat ieħor li jippermetti l-qtugħ u l-ġbir tal-qroll aħmar.***

***Tali awtorizzazzjonijiet għandhom jiskadu jew jiġu rtirati sal-31 ta' Diċembru 2015, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx kiseb riżultati xjentifiċi li juru li l-użu ta' ROVs wara l-2015 ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq l-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar.***

***4. B'deroga mill-paragrafu 2, Stat Membru jista' jawtorizza l-użu ta' ROVs mingħajr dirgħajn manipulaturi għall-fini ta' osservazzjoni u prospettar f'żoni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru dment li jkun kiseb riżultati xjentifiċi fil-kuntest tal-qafas ta' ġestjoni nazzjonali li juru li m'hemm l-ebda impatt negattiv fuq l-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar.***

***Tali awtorizzazzjonijiet għandhom jiskadu jew jiġu rtirati sal-31 ta' Diċembru 2015, sakemm ir-riżultati xjentifiċi msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jiġux validati mill-GFCM.***

5. ***B'deroga mill-paragrafu 2, Stat Membru jista' jawtorizza, għal perijodu ta' żmien limitat li ma jaqbiżx il-31 ta' Diċembru 2015, l-użu ta' ROVs għall-fini ta' kampanji xjentifiċi sperimentali għall-osservazzjoni u l-ġbir, dment li l-kampanji jsiru taħt is-superviżjoni ta' istituzzjoni ta' riċerka nazzjonali jew bil-kollaborazzjoni ta' korpi xjentifiċi nazzjonali jew internazzjonali kompetenti kif ukoll ma' kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra.***

## Kapitolu V

***TNAQQIS TAL-IMPATT TAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD FUQ ĊERTI SPEĊIJIET TAL-BAĦAR***

*Artikolu 16e*

### Kamp ta' applikazzjoni

***Dan*** il-Kapitolu ***għandu japplika*** mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura aktar stretta li tirriżulta mid-Direttiva 92/43/KEE jew mid-Direttiva 2009/147/KE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****, u għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003*****.

*Artikolu 16f*

### Qabdiet inċidentali ta' tjur tal-baħar fl-irkaptu tas-sajd

*1.* Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom jeħilsu fil-pront tjur tal-baħar li jinqabdu fl-irkaptu tas-sajd b'mod inċidentali.

***1a. Il-bastimenti tas-sajd ma għandhomx iniżżlu l-art it-tjur tal-baħar ħlief fil-qafas ta' pjani nazzjonali għall-konservazzjoni tat-tjur tal-baħar jew biex tiġi żgurata għajnuna għall-irkupru ta' tjur tal-baħar individwali li jkunu midruba, u kemm-il darba l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu ġew debitament u uffiċjalment informati, qabel ma l-bastiment tas-sajd ikkonċernat jerġa' lura fil-port, bl-intenzjoni li t-tali tjur tal-baħar jitniżżlu l-art.***

*Artikolu 16g*

**Qbid inċidentali ta' fkieren tal-baħar f'attivitajiet tas-sajd**

1. ***Il-kampjuni ta' fkieren tal-baħar li jinqabdu fl-irkaptu tas-sajd b'mod inċidentali għandhom jiġu ttrattati bil-kura u jinħelsu*** mingħajr ma ssirilhom ħsara u ħajjin***, sa fejn ikun possibbli***.

2. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd ma għandhomx iniżżlu l-art fkieren tal-baħar, sakemm mhux bħala parti minn programm ta' salvataġġ speċifiku ***jew ta' konservazzjoni nazzjonali jew sakemm dan ma jkunx meħtieġ mod ieħor bil-għan li jsir is-salvataġġ jew tiġi żgurata l-għajnuna għall-irkupru ta' fkieren tal-baħar individwali li jkunu mweġġgħa jew f'koma,*** u sakemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati ma jkunux ġew debitament u uffiċjalment infurmati qabel id-dħul lura fil-port.

3. ***Sa fejn ikun pprattikabbli, il-bastimenti tas-sajd*** li jużaw purse seines għal speċijiet pelaġiċi żgħar jew xbieki tat-tidwir mingħajr vajjina għal speċijiet pelaġiċi ***għandhom jevitaw li jiċċirkondaw*** lill-fkieren tal-baħar.

4. ***Bastimenti tas-sajd*** li jużaw konzijiet u xbieki tal-garġi tal-qiegħ għandhom iġorru abbord tagħmir li permezz tiegħu jkunu jistgħu jimmaniġġaw, jirrilixxaw u jeħilsu b'mod sikur il-fkieren tal-baħar li jitħabblu fix-xbieki, biex dawn jiġu mmaniġġati u rrilaxxati b'mod li jimmassimizza l-probabbiltà tas-sopravivenza tagħhom.

*Artikolu 16h*

**Qbid inċidentali ta' bumerini *(Monachus monachus)***

1. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd m'għandhomx jieħdu abbord, jittrasbordaw u jħottu l-art bumerini, sakemm dan ma jkunx meħtieġ biex tiġi żgurata l-assistenza għall-irkupru ta' annimali individwali mweġġgħin u sakemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati ma jkunux ġew debitament u uffiċjalment infurmati qabel id-dħul lura fil-port.

2. ***Speċijiet ta' bumerini li jinqabdu*** b'mod inċidentali fl-irkaptu tas-sajd għandhom ***jinħelsu*** ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara. Il-karkassi ta' speċijiet mejta għandhom jitniżżlu l-art ***u*** għandhom jittieħdu, ***għall-fini ta' studji xjentifiċi jew*** biex jinqerdu mill-awtoritajiet nazzjonali ***kompetenti***.

*Artikolu 16i*

**Qbid inċidentali ta' ċetaċji**

***Sa fejn ikun pratikabbli, il-***bastimenti ***tas-sajd*** għandhom ipoġġu lura fil-baħar iċ-ċetaċji ***ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara*** li jinqabdu b'mod inċidentali fl-irkaptu tas-sajd***u li jkunu tressqu qrib il-bastiment tas-sajd.***

*Artikolu 16j*

**Klieb il-baħar u raj protetti**

1. Speċijiet ta' klieb il-baħar u ta' raj li huma inklużi fl-Anness II tal-Protokoll ***għall-Konvenzjoni ta' Barċellona********** li jikkonċerna ***żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika*** fil-Mediterran ***** ***("Protokoll għall-Konvenzjoni ta' Barċellona")*** ma għandhomx jinżammu abbord, jiġu ttrasbordati, jinħattu l-art, jiġu ttrasferiti, jinħażnu, jinbiegħu jew jintwerew jew jiġu offruti għall-bejgħ.

2. Bastimenti tas-sajd li jkunu qabdu, b'mod inċidentali, speċijiet ta' klieb il-baħar u ta' raj inklużi fl-Anness II tal-Protokoll ***għall-Konvenzjoni ta' Barċellona*** għandhom jeħilsuhom fil-pront, ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara ***sa fejn ikun possibbli***.

*Artikolu 16k*

**Identifikazzjoni ta' klieb il-baħar**

Qtugħ ir-ras u s-sliħ ta' klieb il-baħar abbord u qabel ħatt l-art għandhom ikunu pprojbiti. Klieb il-baħar bla ras u misluħa ma jistgħux jiġu kkummerċjalizzati fi swieq tal-ewwel bejgħ wara li jinħattu l-art.

**Kapitolu VI**

***MIŻURI GĦAS-SAJD GĦAL STOKKIJIET PELAĠIĊI ŻGĦAR FIL-BAĦAR ADRIJATIKU***

*Artikolu 16l*

**Ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-kapaċità ta' referenza tas-sajd għal stokkijiet pelaġiċi żgħar hija dik stabbilita fuq il-bażi tal-listi ta' bastimenti ***tas-sajd*** tal-Istati Membri kkonċernati komunikati lis-Segretarjat tal-GFCM skont il-paragrafu 22 tar-rakkomandazzjoni GFCM/37/2013/1. Dawk il-listi jinkludu l-bastimenti ***tas-sajd*** kollha mgħammra bi xbieki tat-tkarkir, b'purse seines jew b'tipi oħra ta' xbieki tat-tidwir mingħajr vajjina, li huma awtorizzati biex jistadu għal stokkijiet pelaġiċi żgħar u rreġistrati fil-portijiet li jinsabu fis-Subżoni Ġeografiċi 17 u 18 kif imsemmi fl-Anness I ***għal dan ir-Regolament***, jew li joperaw fis-Subżona Ġeografika 17 ***jew*** fis-Subżona Ġeografika 18 għalkemm reġistrati f 'portijiet li jinsabu f 'Subżona Ġeografika oħra fid-data tal-31 ta' Ottubru 2013.

2. Irrispettivament mit-tul ġenerali tagħhom, bastimenti ***tas-sajd*** mgħammra bi xbieki tat-tkarkir u b'purse seines huma klassifikati bħala li jistadu b'mod attiv għal stokkijiet pelaġiċi żgħar meta s-sardin ***u*** l-inċova jammontaw għal mill-inqas 50 % tal-qabdiet f'piż ħaj.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità totali tal-flotta tal-bastimenti ***tas-sajd*** mgħammra bi xbieki tat-tkarkir jew b'purse seines, li jistadu b'mod attiv għal stokkijiet pelaġiċi żgħar fis-Subżona Ġeografika 17, kemm f'termini ta' tunnellaġġ gross (TG) ***jew*** tunnellaġġ gross reġistrat (TGR) u f'termini ta' qawwa tal-magna (kW), kif irreġistrati fir-reġistri tal-flotot nazzjonali u tal-UE, ma taqbiżx, fi kwalunkwe ħin, il-kapaċità ta' referenza tas-sajd għal stokkijiet pelaġiċi żgħar imsemmija fil-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li bastimenti ***tas-sajd*** mgħammra bi xbieki tat-tkarkir u b'purse seines għas-sajd ta' stokkijiet pelaġiċi żgħar kif identifikati fil-paragrafu 2 ma joperawx għal aktar minn 20 jum tas-sajd kull xahar, u li ma jaqbżux 180 jum tas-sajd fis-sena.

5. Kwalunkwe bastiment ***tas-sajd*** li mhuwiex inkluż fil-lista tal-bastimenti ***tas-sajd*** awtorizzati msemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** m'għandux jitħalla jistad għal, jew, b'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, iżomm abbord jew iħott l-art kwalunkwe kwantità akbar minn 20 % ta' inċova ***jew*** ta' sardin ***jew kemm inċova kif ukoll sardin*** jekk il-bastiment ***tas-sajd*** ikun qiegħed fuq vjaġġ tas-sajd fis-Subżona Ġeografika 17 ***jew*** fis-Subżona Ġeografika 18 ***jew fiż-żewġ Subżoni Ġeoġrafiċi***.

6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe żieda għal, kwalunkwe tnaqqis minn ***jew*** modifika fil-lista tal-bastimenti ***tas-sajd*** awtorizzati msemmija fil-paragrafu 1, hekk kif dawn iseħħu. ***Dawk*** il-bidliet huma mingħajr preġudizzju għall-kapaċità ta' referenza tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM.

---

* Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.07.1992, p. 7).

** ***Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) u Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).***

*** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

**** Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

*****	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti (ĠU L 167, 4.7.2003, p. 1).

******	***ĠU L 322, 14.12.1999, p. 3.***

*******	***Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis (Konvenzjoni ta' Barċellona) (ĠU L 240, 19.9.1977, p. 3).".***

(3) Fit-Titolu III, għandu jiddaħħal il-***kapitolu*** li ġej:

**"KAPITOLU Ia**

***OBBLIGI TA' REĠISTRAZZJONI***

*Artikolu 17 a*

**Il-ġbir tal-qroll aħmar**

***Il-***bastimenti tas-sajd awtorizzati biex jiġbru qroll aħmar għandu jkollhom abbord, ġurnal ta' abbord, li fih jiġu rrappurtati l-qabdiet ta' kuljum ta' qroll aħmar u l-attivitajiet tas-sajd skont iż-żona u l-fond, inkluż l-għadd ta' jiem tas-sajd u ta' għadis. Dik l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***qabel l-iskadenza prevista fl-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.***

*Artikolu 17b*

**Qbid inċidentali ta’ ċerti speċijiet tal-baħar**

1. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, fil-***ġurnal ta’ abbord dwar is-sajd imsemmi fl-Artikolu 14 ***ta' dak*** ir-Regolament, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom jirreġistraw l-informazzjoni li ġejja:

(a) kull każ ta’ qabda inċidentali u ta' rilaxx ta’ tjur tal-baħar;

(b) kull każ ta’ qabda inċidentali u ta' rilaxx ta’ fkieren tal-baħar;

(c) kull każ ta’ qabda inċidentali u ta' rilaxx ta’ bumerini;

(d) kull każ ta’ qabda inċidentali u ta' rilaxx ta’ ċetaċji;

(e) kull każ ta' qabda inċidentali u***, fejn meħtieġ,*** rilaxx ta' ***speċijiet ta'*** klieb il-baħar u raj elenkati fl-Anness II jew fl-Anness III tal-Protokoll ***għall-Konvenzjoni ta' Barċellona***.

***1a. Minbarra l-informazzjoni rreġistrata fil-ġurnal ta’ abbord, ir-rapporti nazzjonali maħsuba sabiex jiġu analizzati mis-SAC għandhom jinkludi wkoll:***

***(a)fir-rigward ta' qabdiet inċidentali ta’ fkieren tal-baħar, informazzjoni dwar:***

- ***it-tip ta' rkaptu tas-sajd,***
- ***meta saru l-qabdiet inċidentali,***
- ***it-tul tal-perijodu ta' immersjoni,***
- ***il-fond tal-ilma u l-postijiet tas-sajd,***

- ***l-ispeċijiet fil-mira,***

- ***l-ispeċijiet ta' fkieren tal-baħar, u***

- ***u jekk speċijiet individwali ġewx skartati mejta jew jekk inħelsux ħajjin;***

***(b)*** ***fir-rigward ta' qabdiet inċidentali ta' ċetaċji, informazzjoni dwar:***

- ***il-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd,***

- ***meta saru l-qabdiet inċidentali,***

- ***il-postijiet tas-sajd (jew skont is-Subżoni Ġeografiċi jew ir-rettangli statistiċi, kif definiti fl-Anness għal dan ir-Regolament), u***

- ***jekk kienx hemm dniefel fost iċ-ċetaċji maqbuda jew jekk kinux speċijiet oħra ta' ċetaċji.***

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ***2015***, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar ir-reġistrazzjoni ta' qabdiet inċidentali msemmija fil-paragrafu 1 mill-kaptani ta' bastimenti tas-sajd li mhumiex soġġetti ***għall-obbligu taż-***żamma ta' ġurnal ta' abbord dwar is-sajd skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009."**.**

(4) għandhom jiddaħħlu ***l-artikoli*** li ġejjin:

*"Artikolu 23a*

**Ir-rappurtar ta' data rilevanti lill-Kummissjoni**

1. Sal-***15 ta' Diċembru*** ta' kull sena, l-Istati Membri ***kkonċernati*** għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni:

(a) id-data dwar il-qroll aħmar imsemmija fl-Artikolu 17a; ***u***

(b) fil-forma ta' rapport elettroniku, ir-rati ta’ qabdiet inċidentali u ta' rilaxx ta’ tjur tal-baħar, fkieren tal-baħar, bumerini, ċetaċji u klieb il-baħar u raj, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti rrappurtata skont l-Artikolu 17b(1)(a), (b), (c), (d) u (e) rispettivament.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM sa mhux aktar tard mill-***31*** ta' Diċembru ta' kull sena.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla li ssir fil-lista tal-portijiet magħżula għal ħatt l-art tal-qabdiet ta’ qroll aħmar skont il-paragrafu 5 tar-rakkomandazzjoni GFCM/36/2012/1.

4. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu monitoraġġ adegwat sabiex*** jiġbru informazzjoni affidabbli dwar l-impatti, fuq il-popolazzjonijiet taċ-ċetaċji fil-Baħar l-Iswed, ta’ bastimenti ***tas-sajd*** li jistadu għall-mazzola griża bi xbieki tal-garġi tal-qiegħ, u għandhom jippreżentawha lill-Kummissjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla li ssir fil-mapep u fil-listi tal-pożizzjonijiet li jidentifikaw il-postijiet fejn jinsabu l-għerien tal-bumerini u li huma msemmija fil-paragrafu 6 tar-rakkomandazzjoni GFCM/35/2011/5.

6. Il-Kummissjoni għandha tibgħat minnufih l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM.

7. Il-Kummissjoni tista’ tadotta atti ta’ implimentazzjoni fir-rigward tal-format u t-trasmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 3, 4 u 5. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

*Artikolu 23b*

**Kontroll, monitoraġġ u sorveljanza tas-sajd għal stokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku**

1. ***Sal-1 ta' Ottubru*** ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pjani u l-programmi tagħhom sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konformità mal-Artikolu 16l permezz ta' monitoraġġ u rappurtar xieraq, b'mod partikolari rigward il-qabdiet ta' kull xahar u l-isforz tas-sajd użat.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarju Eżekuttiv tal-GFCM sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru ta' kull sena.".

(5) Fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 27(2), ***id-data*** "19 ta' Jannar 2012" għandha tiġi sostitwita ***bid-data*** …".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-***tielet*** jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill*

*Il-President* | *Il-President*

+++++ ***ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***